MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 63/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jason Delia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jason Delia talli fl-14 ta' Frar 1998, ghall-habta tas-1.30 a.m. f'Hompesch Road, Fgura, saq vettura Nru. DAN-443:

1) b'manjiera traskurata;
2) perikoluza;
3) saq l-istess vettura b'giri aktar milli jmissu;
4) ghabba numru ta' passiggieri fl-imsemmija vettura aktar minn dak stabbilit;
5) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tajjar lil W.P.S. 97 Carmen Zammit

u involontarjament ikkagunalha offizi ta’ natura gravi per durata skond kif iccertifika Dr. Adrian Micallef M.D. ta’ S.L.H.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Jason Delia jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta’ l-1 ta’ Marzu 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Jason Delia hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu bl-assorbiment ta' l-ewwel imputazzjoni fit-tieni imputazzjoni, u, wara li rat l-artikolu 15 tal-Kap. 65, l-artikoli 226 u 17 tal-Kap. 9, MVR 127, 69(i)(2), ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta' tliet mitt liri Maltin (Lm300) u ghal tliet xhur skwalifika milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Jason Delia pprezentat fl-10 ta’ Marzu 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti, rinfaccjata b’zewg verzjonijiet totalment kontrastanti, messha lliberatu minn kull imputazzjoni u htija. Jghid li x-xhieda tal-prosekuzzjoni ma qablux bejniethom, li l-verzjoni tieghu kienet wahda konsistenti u kredibbli u giet korroborata mix-xhieda tieghu, li l-griehi li allegatament garrbet W.P.S. 97 Carmen Zammit huma totalment inkompatibbli mal-mod kif il-prosekuzzjoni insistiet li sehh l-incident, li x-xhieda tal-prosekuzzjoni ma spjegawx ghalfejn gie msawwat meta ttiehed l-ghassa u li l-fatt li kien xorob ghaxra birra jew il-fatt li l-vettura tieghu kienet mghobbija hafna ma ghandux iwassal necessarjament ghall-konkluzjoni ta’ htija. L-appellant jissottometti wkoll li l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra: li l-membri tal-

Pulizija kienu qed jitkellmu f'nofs ta' triq b'perikolu ghat-traffiku; li Triq Hompesch hija twila, dritta u wiesa' u l-Pulizija setghu raw il-vettura gejja mill-boghod u jwarrbu komodament; li l-membri tal-Pulizija kienu lebsin uniformijiet tax-xitwa bla ebda indikazzjoni fuq persunthom jew x'imkien sabiex jallertaw lis-sewwieqa ghall-prezenza taghhom; u li hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma qal li ppruvaw iwaqqfu l-vettura misjuqa mill-appellant jew li ttantaw juruh li kienu fit-triq.

Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Din il-Qorti semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni peress illi ma kinitx traskritta filwaqt illi dik ta' l-appellant u tax-

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

xhieda tieghu kienet traskritta. Ix-xiehda tista’ tigi riassunta hekk:

**Dr. Ilrich Molnar** xehed illi Carmen Zammit giet ezaminata minn Dr. Christian Aquilina, tabib li kien assenjat mieghu, u rrizulta li hija kellha nefha u ugiegh fuq sieqha izda l-ebda frattura. Peress illi ma kellux entrati iktar fil-*file* ma setax jikkonkludi dwar in-natura ta’ l-offiza.

**W.P.S. Carmen Zammit** xehdet illi fl-14 ta’ Frar 1998 kienet stazzjonata l-ghassa ta’ Rahal Gdid meta rceviet telefonata mill-Control Room dwar karrozza suspettuza b’xi nies go fiha fejn il-Hompesch Bakery. Hija marret fuq il-post flimkien ma’ zewg pulizija ohra u waqfu faccata tal-Bakery. Qasmu u kellmu lil sid il-Bakery fejn kienu qeghdin jaghmlu l-hobz u huwa qal li ma kienu semghu xejn. Sadattant kienu talbu l-assistenza tal-mobile li gew ukoll fuq il-post. Meta kienet ha taqsam u nizlet saqajha minn fuq il-bankina ghadda l-appellant isuq Mini, hadilha nofs saqajha, u kieku ma gibidhiex wiehed mill-pulizija kien itajjarha. L-appellant baqa’ sejjer izda nqabad ftit ‘il boghod. Dak il-hin ma assitx ugiegh u marret fil-karrozza normali, ghajtulha bir-radio biex jinfurmawha dwar karrozza suspettuza dejn ic-Cimiterju, marru jinvestigaw, u kif kienet sejra tara din il-karrozza, sieqaha ma taghthiex u waqghet. In kontroezami qalet li ma kienx hemm karrozzi pparkeggjati mal-bankina dejn il-Hompesch Bakery izda kien hemm karrozza tal-pulizija. L-incident gara meta nizlet mill-bankina u ghamlet pass biex taqsam. Hija harset u ma ratux gej. Kienet imbeghda pass biss mill-bankina. Wara li rifisha bir-rota baqa’ ghaddej bi speed eccessiv. Qalet li ghalkemm l-Isptar ma rrizultatilhiex frattura, wara marret privat St. James u rrizulta li kellha frattura u wara jumejn ghamlulha l-gibs.

**P.S. 1223 Vincent Zahra** xehed illi fl-14 ta’ Frar 1998 f’xis-1.30 jew is-1.20 a.m. kienu infurmati mill-Control Room dwar xi alarm qed idoqq Hompesch Road. Huwa baghat lil W.P.S. 97 lil P.C. 995 u lil P.C. 660 filwaqt li hu baqa’ l-ghassa. Fuq mistoqsijiet tad-difiza dwar id-distanza bejn il-Hompesch Bakery u l-mina ta’ Haz-

Zabbar qal li jahseb hemm iktar minn hames darbiet id-daqs ta' Awla.

**P.C. 988 Pawlu Grech** qal li fil-gurnata in kwistjoni kien mar ma' W.P.S. 97 u P.C. 660 fejn il-Hompesch Bakery u pparkjaw faccata. Qasmu ghall-Bakery fejn kienet giet ukoll karrozza tal-mobile, Alfa. Il-Bakery sabu li fil-fatt kien hem mil-haddiema qeghdin jahdmu. Peress illi mbaghad riedu jaqsmu jergghu ghall-karrozza taghhom, gew ma' l-Alfa, indunaw li gejja karrozza min-naha tal-mina ta' Hompesch u gew dahrhom pass 'il barra mill-Alfa. Huwa kompla jghid hekk: "Dak il-hin indunajna li jew ma raniex, jew ma nafx ha nghid hekk ghax m'inmhix go mohhu, ma nafx x'garalu pero` dak il-hin ma nahsibx li beda jarana u qisu gibed ghal go fina. F'hin minnhom induna li hemm l-Alfa u gibed 'il barra. Jien gbidt lis-Surgenta minn dahara lura u naf li smajtha tghid 'ajma', s'hemm naf. Imbaghad tal-mobile marru jigru waraj ghax ma waqafx, baqa' sejjer." Ix-xhud kompla jghid li dik il-karrozza ma tantx kellha dawl u kien hemm hafna nies go fiha. Kienet gejja b'xi 30/35 m.f.s. Is-Surgenta ma ratux ghax kienet qed thares in-naha l-ohra ghax xi hadd dak il-hin "jew ghajtilha jew ma nafx, u ghal dawk il-ftit sekondi aljenat ruhha ghal ftit." In kontro-ezami kkonferma li karrozzi pparkjati kien hemm in-naha ta' Hompesch Bakery u li l-Alfa kienet qieghda *double-parked*. Il-Mini kienet qed tinsaq kwazi f'nofs it-triq meta sehh l-impatt. Ma ntlaqtitx ghax gibidha minn daharha. Kienu lebsin normali bl-ebda marking.

**P.C. 1459 Mark Anthony Buttigieg** xehed li kien stazzjonat il-mobile u kien night watch ma' P.C. 835. Qabduhom il-Control Room biex jghidulhom li kien hemm alarm il-Hompesch Bakery. Waslu fuq il-post bl-Alfa li kienu qed isuqu u pparkjaw man-naha tal-Bakery mal-bankina minghajr problema ghax it-triq kienet kwazi vojta dak il-hin. Kien hemm is-Surgenta tad-Distrett u saqsewha x'gara u ma garax. Nizlet biex tmur hdejhom biex tkellimhom, "qisu harget minn quddiem tal-vettura taghna li l-vettura kienet quddiem taghha kien jaghti ghan-naha ta' Rahal Gdid, hemmhekk f'daqqa wahda naraw Mini Minor gejja … mid-direzzjoni tal-mina ta' Hompesch u l-ewwel ma kienet ser taghmel kienet ser tidhol gol-

karrozza tal-pulizija, f'daqqa wahda sgiccat il-karrozza u hemmhekk il-Mini Minor laqtet lis-Surgenta fejn ahna lhaqna gbidniha lura imam xorta laqtitha xi ftit." Huma marru warajha u waqqfuha Bastion Street. Mill-Mini hargu tmienja min-nies li daru mieghu u kienu ser ihebbu ghalih. Wara ftit arrestaw lill-appellant u haduh l-ghassa. Qalulu li kien ser itajjar tliet membri tal-Korp tal-Pulizija u hu qal li ma ra lil hadd. In kontro-ezami nnega li kienu *double-parked*.

**P.C. 835 Charles Grech** xehed li kien ma' P.C. 1459 u li meta marru l-Hompesch Bakery ipparkjaw mal-bankina wicchom lejn il-bieb ta' Haz-Zabbar. Huwa kien passiggier, nizel mill-Alfa u ghalaq il-bieb. Dak il-hin is-Surgenta kienet qed tkellem lil tal-Bakery. Giet lejhom u qaltilhom li ma kien hemm xejn. Kif qed ikellmuha mal-bieb ta' l-Alfa, ra Mini Minor gejja fid-direzzjoni ta' Rahal Gdid pero` fiud-direzzjoni ta' l-Alfa u x-xhud irrimarka "Dan ghal go fina?" Ix-xufier li kien qed isuq irrejalizza, gibed l-isteering u ghadda bi sbrixx mas-Surgenta li x-xhud qal li gibidha lejh u semaghha tghid "Ajma". Il-Mini baqghet sejra, hu u siehbu rikbu l-Alfa, dawru u marru warajhom u waqqfuhom Bastion Street, Fgura. Mill-Mini hargu xi tmienja jew sebgha min-nies li dawruhom u sepcjalment lil siehbu li huwa mill-Kottonera. Ix-xhud qal li qalilhom li max-xufier biss kellhom x'jaqsmu u fil-fatt haduh l-ghassa ta' Rahal Gdid.

**Dr. Adrian Micallef** xehed illi kien ezamina lil Carmen Zammit il-Casualty fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Frar 1998 u sab li kellha frattura ta' wahda mill-ghadam ta' sieqha l-leminija, il-hames metatarsal. Din ikklassifikaha bhala offiza gravi per durata.

Ix-xiehda ta' l-appellant u tax-xhieda prodotti minnu quddiem l-ewwel Qorti u li x-xiehda taghhom giet traskritta qed tigi riassunta hekk:

**L-appellant** xehed illi dakinhar tal-kaz kien gej minn Wied il-Ghajn u sejjer fid-direzzjoni tal-Fgura. Kien hemm il-pulizija jaghmlu search u rahom ma' wiccu u qabad u gie fuq is-side l-iehor. Waqqaf lil siehbu naqra 'l isfel u ra

zewg karrozzi tal-pulizija gejjin, nizlu u qalulu li kien se jtajjarhom. L-appellant qal li wegibhom “Anzi skapulajtkom hrigtu f’daqqa” u wiehed minnhom qabad u mbuttah u garah ma’ l-art. Shab l-appellant bdew jghidulu mhux suppost tmissu u hu biex jevita l-inkwiet qal ha jmur ghal citazzjoni. Dahal l-ghassa Rahal Gdid u qallhom haqqu citazzjoni u kien hemm wiehed qallu stenna naqra u sakemm qieghed iparla maghhom sema’ wada tghajjat “Ajma! Ajma!” hi u tiela’ t-tarag. X’hin harset lejh qaltilhom: “Dan tajjarni”. L-appellant jghiud li wiegeb: “X’jien tajjartek” u qabad il-988 u tah daqqa ta’ ponn, huwa qallu: “Ara ma taghtix” u hargu l-pulizija kemm kien hemm u bdew jaghtuh u spicca ma’ l-art. Qam, hass balla demm, lil dik li bidet tghid “Ajma! Ajma!” beda jghidilha li mhux veru li hu tajjarha, pulizija qal li se jehduha l-Isptar, talab li jmur hu wkoll u qalulu li ma setax.

L-appellant kompla jghid illi meta kien qieghed isuq ra erba’ pulizija u skapulahom. Dawn kienu qisu metru ‘l barra mill-bankina, fit-triq, hdejn il-Hompesch Bakery. Kien ghaddej bil-mod u kienu tmienja fil-karrozza. Huwa haseb li kienu se jtuh citazzjoni ghax kellu wisq nies fil-karrozza u ghalhekk mar wahdu. Qal li ghandu certifikat. Mistoqsi x’kienet ir-raguni li skond hub dew isawtuh il-pulizija, qal li meta telghet il-pulizija u qalet “Ajma! Ajma!” u hu qalilha “Jiena tajjartek?” u tah daqqa 988, l-appellant qallu “Ara kemm qeghdin pulizija lilek gharaft” u qabez 988 u offendieh b’kemm ghandu, faqa’ tazza u offendieh bil-familja u bdew izommuh il-pulizija u beda jghidlu “Oqghod ghamel li trid mela”.

In kontroezami l-appellant qal li kienu gejjin minn disco dakinhar u hu kien xorob xi ghaxra lager. Il-pulizija ma bdewx jaghmlu roadblocks u lanqas sinjal biex jieqaf. Karrozzi weqfin fin-nofs ma kienx hemm. Ma abat ma’ hadd u ma sema’ lil hadd jghajjat biex jieqaf ghax kieku kien jieqaf. Il-pulizija fuq il-post hargulu f’daqqa u kienu bl-uniformi iswed. Hargu minn mal-bankina ghal barra u hu qabez ghal fuq is-side l-iehor u rega’ dawwar ‘l isfel. Mar fuq in-naha l-ohra tat-triq ghax kieku kien itajjarhom. Huwa kien ghaddej bil-mod hafna ghax il-clutch jislippja. Il-pulizija hargu f’daqqa ghan-nofs.

**Joseph Mark Bonello** xehed li fl-14 ta' Frar 1998 kien fil-karrozza ma' Jason delia ma' xi nies ohrajn gejjin minn Wied il-Ghajn u kien se jwassalhom l-Isla. Kienu ghaddejjin mit-triq li taghti ghall-Fgura u quddiem il-Hompesch Bakery kien hemm il-karrozzi tal-pulizija u l-pulizija ma' genbhom. Ghaddew minn maghhom u baqghu sejrin. Waqqfu lil certu Trevor Thomas id-dar tieghu l-Fgura naqra 'l isfel. Gew il-pulizija b'zewg karrozzi u waqfu wahda uqddiem u wahda wara, hareg l-appellant u l-pulizija u lill-appellant il-pulizija mbuttawh ma' l-art. Huma hargu u saqsew ghalfejn qed jaghmlulu hekk ghalxejn.  L-appellant qallu biex jehodlu c-citazzjoni jekk jahseb li kellu hafna nies. Haduh maghhom u l-karrozza ta' l-appellant qeghduha fil-genb. L-ghada wara nofsinhar mar biex jara kif baqa' Jason u rah b'girfa go wiccu u xeba' tbengil go wiccu u qallu li wahlu fih li kienu tajru mara pulizija u li l-grif u tbengil ghax qabdu jtuh il-pulizija.

Ix-xhud kompla jghid li gol-Mini kienu tmienja u hu kellu rasu 'l barra mit-tieqa, passiggier fuq quddiem, u ghalhekk zgur li ma tajrux mara pulizija. Bhala speed kienu bil-kemm jiccaqalqu. Lill-pulizija rahom u qallu lil Jason li kien hemm il-pulizija u qasmu tikka t-triq u baqghu sejrin. Kien qieghed bilqieghda fuq xi hadd iehor. Minn meta ra l-pulizija hu, jahseb li kienu zgur hmistax-il metru boghod u meta ghaddew minn hdejhom kienu zgur tliet metri, erba' metri boghod mill-karrozza taghhom.

**Frankie Pace** xehed illi dakinhar ta' l-incident kien ma' l-appellant Wied il-Ghajn u taw lift lil xi persuni ohra. Ghaddew minn hdejn Hompesch u raw xi erba' pulizija mal-karrozzi tal-bankina. Ghaddew bil-mod u waqfu ftit 'il fuq biex iwaqqfu bniedem hemmhekk. Gew zewg karrozzi tal-mobile u arrestaw lill-appellant izda ma jafx fuqhiex ezatt. Fil-karrozza kienu xi sebgha jew tmienja u kien bilqieghda wara passiggier izda xorta seta' jara. Huwa kien bilqieghda fuq xi hadd iehor jismu Bobby. Mill-hgiega tal-genb seta' jaraa t-triq.

In kontroezami qal li huwa fuq in-naha tax-xellug kien, wara l-passiggier. Quddiem kien qieghed jara wkoll. Il-

pulizija kienu man-naha tax-xellug, mal-karrozzi tal-bankina, sporguti xi zewg passi, tlieta. Meta ghaddew minn mal-pulizija kienu kwazi qabzu l-line tan-nofs tat-triq. Il-windscreen seta’ jarah ghax hu kellu rasu mal-hgiega.

**Renald Hayman** xehed illi kienu tmienja fil-karrozza telghin minn fejn il-mina ta’ Hompesch. Raw karrozza tal-pulizija fejn il-forn, l-appellant qala’ naqra ‘l barra, ghaddew, waqqfu lil Trevor fejn id-dar, gew il-pulizija li bdew jghajtu maghhom, nizlu u mbuttaw lill-appellant. Qalulhom li kienu se jtajru erba’ pulizija. Ix-xhud qal li hu ma qal xejn u li ma rawx li kienu se jtajruhom ghax qabzuhom billi l-appellant qabez naqra l-line biex jghaddi. L-appellant qallhom li kien haqqu citazzjoni ghax tmienja kellu mieghu u nizel maghhom. L-ghada ltaqa’ ma’ l-appellant u ralu l-grif u d-daqqiet u qallu li kienu sawtuh il-pulizija ghax qalu li kienu tajru mara pulizija. Skond ix-xhud ma kienx hemm mara pulizija ma’ l-erba’ li kienu raw.

In kontroezami qal li kienu gejjin mir-Reeds Disco fejn kienu xorbu. Huwa kien riekeb wara l-passiggier b’Frankie Pace fuqu. Kien ra pulizija jimbotta lill-appellant meta marru fuqhom u bdew jghajtu maghhom. Il-pulizija seta’ jarahom ghax kellu wiccu mat-tieqa u rahom meta kienu bi dritthom. Quddiemu seta’ jara wkoll u ma ra lil hadd aktar.

**Trevor Thomas** xehed li fil-Mini kien fuq wara hdejn it-tieqa u fejn il-Hompesch Bakery kien hemm karrozza tal-pulizija pparkjata ‘l barra mill-karrozzi. Kien hem mil-pulizija u x’hin ra hekk l-appellant qabad u kiser u kwazi mar fuq in-naha l-ohra u baqghu ghaddejjin normali. Lilu waqqfu d-dar il-Fgura. Nizel u nizlu xi tnejn ohra qablu biex jinzel, u ra xi erba’ pulizija li bdew jghajtu li kienu se jtajru erba’ pulizija. Ix-xhud qal li ghaddew ‘il boghod minnhom, xi metru, metru u nofs ghax kwazi marru fuq in-naha l-ohra. L-appellant qallu li jaf li kienu hafna fil-Mini u haqqu citazzjoni u mar l-ghassa. Wiehed mill-pulizija mbotta lill-appellant minn sidru. Ix-xhud sostna li mhux vera li kienu se jtajru lill-pulizija. Bejn ir-roundabout u l-Hompesch Bakery ikkalkula tul ta’ awla ghal darbtejn. Il-pulizija lejn nofs it-triq kienu. In kontro-ezami qal li fil-Mini

kien bilqieghda fuq in-naha ta’ wara, wara l-passiggier u wiccu jhares ‘il quddiem. Kien hemm xi hadd bilqieghda fuqu. Huwa kien wiccu mal-hgiega. Pulizija ohra ma rax apparti l-erbgha li kien hemm hdejn il-karrozza. Huwa seta’ jara ‘l quddiem la genbha.

Minn ezami tax-xiehda kollha huwa evidenti li hemm konflitti mhux biss bejn dak li xehdu x-xhieda tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tad-difiza izda sahansitra bejn dak li xehdu numru tax-xhieda tal-prosekuzzjoni kif ukoll bejn dak li xehdu x-xhieda tad-difiza, per ezempju id-distanza bejn il-mina ta’ Hompesch u l-Hompesch Bakery, il-pozizzjoni tal-vetturi tal-Pulizija, jekk kienx hemm karrozza *double-parked* jew le, il-mod kif kienu bilqieghda l-persuni li kien hemm fil-Mini. Il-fatt li jezistu dawn il-konflitti pero` ma jfissirx illi dan ghandu necessarjament jimmilita favur l-appellant ghax anke x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, **“mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux”** [3].

F’dan il-kaz din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, u cioe` li verament l-appellant ghadda minn fuq sieq W.P.S. 97 Carmen Zammit u li dan gara peress illi ma kellux kontroll shih fuq il-karrozza tieghu kemm minhabba n-numru ta’ nies li kellu mghobbijin fiha kif ukoll minhabba l-ammont ta’ birra li kien xorob. Il-fatt li l-pulizija kienu bl-uniformi sewda ma jezimiehx mir-responsabbilta`. It-triq fejn gara l-incident hija mdawla u l-

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police v. Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

appellant kellu vizwali fit-tul mill-mina ta' Hompesch. U anke jekk W.P.S. 97 Carmen Zammit seta' kellha xi tort ghax ma harsitx lejn il-lemin taghha qabel ma daret biex tkellem lill-pulizija l-ohra, kif gie ta' spiss ritenut mill-Qrati taghna, in-negligenza kontributorja ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru[4]. Bhalma qalet ukoll din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija** v. **Noel Gauci** deciz fil-25 ta' Marzu 2004:

**"Gie approppositu ritenut li 'hu dover ta' driver to see what is in plain view' (Appell Kriminali: Il -Pulizija vs Joseph Vella [10.8.1963] u li 'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm *a proper lookout'* (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs J.M. Laferla [17.6.1961]). Illi fi Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Ltd. (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:**

***'Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead - it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well'*** *(enfasi tal-Qorti)"*..

Kieku l-appellant kien qieghed izomm *a proper lookout* u kellu kontroll shih tal-karrozza, zgur li kien jara lill-pulizija tempestivament u jagixxi aktar tempestivament billi jigbed lejn nofs it-triq ferm qabel ma jkun wasal fuqhom. B'rizultat ta' dan in-nuqqas tieghu, kkaguna offiza ta' natura gravi per durata lil W.P.S. 97 Carmen Zammit meta ghadda minn fuq sieqha filwaqt li kien qieghed isuq il-Mini numru DAN-443.

---

[4] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Rev. Carmelo Mifsud,** 5 ta' Settembru 1953 **(Vol. XXXVII.iv.1131)**; **Il-Pulizija v. Paul Vassallo,** 2 ta' Ottubru 1954 **(Vol. XXXVIII.iv.883); Il-Pulizija v. Joseph Muscat**, 10 ta' Gunju 1994 **(Vol. LXXVIII.v.267); Il-Pulizija v. Stephen Zammit**, 10 ta' Lulju 2002; **Il-Pulizija v. Noel Gauci**, 25 ta' Marzu 2004.

Fir-rikors ta’ appell tieghu l-appellant jghid illi x’uhud mix-xhieda tal-prosekuzzjoni naqsu milli jispjegaw lill-Qorti ghalfejn huwa gie msawwat minnhom meta ttiehed l-ghassa – dan naturalment b’referenza ghal dak li stqarr l-appellant dwar il-mod kif gie msawwat l-ghassa u dak li qalu xi xieda prodotti mid-difiza li qalu li l-ghada rawh b’xi grif u tbengil f’wiccu. Jigi osservat li dawn l-istess xhieda xehdu quddiem din il-Qorti, inkluz P.C. 988 li dwaru l-appellant ghamel allegazzjonijiet partikolari meta xehed quddiem l-ewwel Qorti Izda d-difiza ma dehrilhiex li kellha taghmel ebda mistoqsija dwar il-mod kif setghu ttrattaw lill-appellant meta kien qieghed l-ghassa. Din il-Qorti ma tarax ghalhekk li ghandha taghmel xi osservazzjonijiet fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b’dan li l-perijodu ta’ skwalifika tal-licenzja tas-sewqan jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta’ ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------